MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 2/2012

**Wembley Crane Hire Ltd**

**Vs**

**International Plastering Ltd**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Jannar 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ disgha mija tlieta u sebghin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€973.33) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta’ servizzi rezi lill socjeta konvenuta li baqghet ma hallsitx.

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-Ittra Interpellatorja datata 22 ta’ Settembru 2011 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u minkejja li deher l-avukat difensur fis-17 ta Frar 2012 ma dahal l-ebda att ta’ kontestazzjoni u lanqas dehret ghas-seduti tas-7 ta’ Marzu 2012, la fis-seduta tal-11 ta’ April 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-11 ta’ April 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ disgha mija tlieta u sebghin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€973.33) flimkien mal-imghax mil-22 ta’ Settembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------